**Tribunal Industrijali**
Decizjoni Numru 1666

Kaz Numru 2202

Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn

General Workers Union

u

Public Broadcasting Services Limited

Data: 2 ta' Frar 2006

**Chairperson:-** Av. Audrey Demicoli
**Membri:-** Sur Anthony Degiovanni
Sur James Pearsall

## Introduzzjoni

Din it-Tilwima Industrijali giet riferita lit-Tribunal mill-Ministru tal-Edukazzjoni, Zghazagh u Xoghol fil-21 ta' Gunju 2004 wara li saritlu talba f'dan is-sens mill-General Workers Union u skond dawn tal-ahhar it-tilwima bejn il-partjiet odjerni tirrigwarda r-rifjut tal-Public Broadcasting Services Limited li taggusta s-salarji tal-impjegati taghha skond il-Ftehim Kollettiv gdid u dan b'effett mill-1 ta' April 2004. Il-General Workers Union talbet lil dan it-Tribunal sabiex jordna li l-impjegati kollha li fl-24 ta' April 2004, u cioe' id-data tal-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv gdid, kienu fuq il-kotba tas-socjeta' intimata ghandhom jitpoggew fl-oghla l-eqreb salarji li jidhru fl-Appendici A tal-Ftehim Kollettiv gdid. Is-socjeta' intimata da parti taghha ssostni li r-rimedju mitlub mill-General Workers Union jista' jirrigwarda biss impjegati li huma fl-impjieg bhalissa u mhux impjegati li kienu fuq il-kotba tal-kumpannija fl-24 ta' April 2004 u dan peress li jekk ir-rimedju jinghata wkoll fil-konfronti ta' persuni li m'ghadhomx fl-impjieg tal-kumpannija,

kellhom jissejhu fil-kaz dawk il-persuni kollha li ghandhom interess guridiku. In kwantu ghall-mertu l-Public Broadcasting Services tikkontesta dak sostnut mill-General Workers Union u tirribatti li ma hemmx impjegati taghha li wara l-process ta' ristrutturar ma tpoggewx fl-iskali kif maqbul fil-Ftehim Kollettiv.

**Konsiderazzjonijiet.**

It-tilwima de quo tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Ftehim Kollettiv li gie ffirmat mill-partijiet f'din it-tilwima fl-24 ta' April 2004. Dan il-Ftehim sar fi sfond ta' process ta' ristrutturar li kienet ser twettaq is-socjeta' intimata, liema process ta' ristrutturar kien jinvolvi li uhud mill-impjegati jigu *re-deployed* ma' dipartimenti tal-Gvern u kien jinvolvi wkoll hrug ta' skemi ta' *early retirement*. Il-ftehim kien ukoll jirrigwarda revizjonijiet ta' pagi tal-impjegati li dejjem skond il-ftehim kellhom jibdew japplikaw mill-1 ta' April 2004.

Waqt it-trattazjoni ta' din it-tilwima irrizulta li l-General Workers Union qed tikkontendi is-segwenti:-

1. Li r-revizjoni tas-salarji b'effett mill-1 ta' April 2004 ghandha tapplika ghal kull min fid-data tal-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv kien jinsab fuq il-kotba tas-socjeta' intimata.. Skond il-Union il-ftehim ghandu japplika anki ghal haddiema li gew *redeployed* u dawk li bbenefikaw mill-*Early Retirement Schemes*.
2. Li minhabba l-fatt li l-Ftehim Kollettiv jistipula l-gurnata minn meta ghandhom jigu applikati l-pagi l-godda, u cioe' l-1 ta' April 2004, kull impjegat ghandu jigi aggustat f'salarju proprju kif indikat u ffirmat fil-Ftehim Kollettiv u mhux jithalla l-barra minn dik l-iskala. Il-Union tirrileva li llum jezistu gradi li skond in-nomenklatura u s-salarju taghhom m'humiex konformi u m'humiex imnizzla fil-Ftehim Kollettiv il-gdid u bhala ezempju issemmi l-grad ta' Clerk IV li kien imnizzel fil-Ftehim Kollettiv precedenti izda ma baqax jezisti fil-Ftehim Kollettiv gdid.

In kwantu jirrigwarda l-ewwel lanjanza tal-Union, it-Tribunal jidhirlu li minn ezami tal-provi migjuba quddiemu, u senjatament mix-xhieda ta' Michael Debono prodott mis-socjeta' intimata, liema xhieda bl-ebda mod ma giet kontradetta minn kwalunkwe prova ohra mressqa mill-General Workers Union, irrizulta b'mod

pjuttost car u inekwivoku li l-Ftehim Kollettiv il-gid kien intiz sabiex japplika ghal dawk il-haddiema li jbqghu fi hdan is-socjeta' intimata wara li jsir il-process ta' ristrutturar. Michael Debono, li kien il-persuna nominata mill-Onor. Ministru Dr. Austin Gatt, sabiex jirrapprezenta l-Collective Bargaining Unit fin-negozjati li kienu qed isiru mal-General Workers Union sabiex jigi ffirmat Ftehim Kollettiv gdid, spjega li d-diskussjonijiet dwar il-Ftehim Kollettiv gdid u l-process ta' ristrutturar kienu mexjin fuq binarji paralleli u kien sar *assessment* sabiex jintghazlu nies li kienu ser jibqghu jahdmu fl-hekk imsejjha PBS gdida u li ma kien hemm hadd mill-impjegati li kellu xi dritt awtomatiku li jahdem fil-PBS ristrutturata. Kull min ried ikompli jahdem mal-PBS kellu jissottometti applikazzjoni f'dan is-sens u kien ser ikun soggett ghal *assessment* u *interview* qabel ma jintghazel sabiex jahdem fl-istruttura l-gdida. Michael Debono jghid testwalment hekk:- ***"......dak kollu li kien miftiehem, f'dak il-collective agreement il-gdid kien intenzjonat u l-partijiet kollha kienu konxji li ser japplika biss ghal min jintghazel sabiex jahdem fil-PBS minn dakinhar li jibdew isiru l-intervisti u johorgu l-hatriet".*** (vide depozizzjoni moghtija fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2005). Fl-istess seduta Michael Debono jghid ukoll ***"It-tahdidiet kollha li saru l-intenzjoni kien biex iwasslu ghal dan l-istat ta' fatt, illi tigi l-PBS ristrutturata, il-kundizzjonijiet ta' xoghol gew mibdula sabiex il-funzjoni tal-PBS tkun aktar efficjenti u anki biex dawn il-kundizzjonijiet li hadu diskussjonijiet fit-tul, dejjem kienu intenzjonati li ser ikunu applikabbli ghal min ser jintghazel biex jahdem fil-PBS"***

Il-General Workers Union ma ressqet ebda prova sabiex tikkontradici dak li ntqal minn Michael Debono u li ghadu kemm gie riportat fil-paragrafu precedenti. Inoltre ma hemm xejn fil-Ftehim Kollettiv il-gdid li jindika li l-intenzjoni tal-partijiet kienet differenti minn dak li sostna Michael Debono. F'dan ir-rigward it-Tribunal jixtieq jirrileva li kien hemm mankanza serja da parti taz-zewg partijet waqt li kienu qed isiru in-negozjati ghaliex huma naqsu li jzommu minuti tal-laqghat li saru qabel ma ntlahaq il-ftehim. Negozjati ta' din in-natura, ir-rizultat ta' liema kellhom implikazzjonijiet ta' certu portata, certament kienu jimmeritaw li jigu *minuted* anki sabiex jigu evitati problemi ta' nterpretazzjoni tal-intenzjoni tal-partijiet fil-futur. Il-minuti tal-laqghat kienu jikkostitwixxu l-ahjar prova tal-intenzjoni tal-partijiet fit-tilwima odjerna kieku dawn kienu jezistu.

Prova ulterjuri li l-intenzjoni tal-partjiet kienet li l-kundizzjonijiet miftehma kellhom japplikaw ghal min jibqa' impjegat tal-PBS wara li jsir il-process ta' ristrutturar huwa il-fatt li l-employers il-godda tal-haddiema ta' min kien ser jigi *redeployed* ma kienux partecipi la fin-negozjati u l-anqas firmatarji tal-ftehim li ntlahaq bejn il-partjiet odjerni. Is-sottomissjoni tas-socjeta' intimata rigwardanti l-interess gurdiku hija ghalhekk fondata.

Nigu issa ghat-tieni lanjanza sollevata mill-General Wrkers Union. Fil-fehma tat-Tribunal il-General Workers Union kellha d-dover u l-obbligu waqt li kienu qed isiru il-laqghat bejn il-partjiet sabiex jintlahaq ftehim li taccerta ruha li jkun hemm provizjonijiet cari dwar il-karigi jew nomenklaturi li ma baqghux jezistu. Dan kien nuqqas serju da parti tal-General Workers Union u din issa ma tistghax tippretendi li dan in-nuqqas jigi rimedjat bill-mod mitlub minnha. Del resto irid jinghad li l-istess Union naqset milli tressaq provi inidvidwali ta' dawn il-karigi li ma baqghux jezistu, hlief ghal kaz wiehed, u cioe' dak ta' Edwin Mangion li kien jokkupa l-kariga ta' Clerk IV qabel ma sar il-process ta' ristrutturar, liema kariga ma baqghetx teziisti fil-Ftehim Kollettiv il-gdid. Dan ix-xhud iddikjara li huwa kien xtaq jibbenefika mill-*Early Retirement Scheme* meta din tigi fis-sehh u qal li pretenda li huwa jitqiehed fi grad ta' Clerk III skond l-iskala l-gdida u dan b'effett mill-1 ta' April 2004. In vista ta' dak stabbilit fil-paragrafi precedenti, u cioe' li l-iskali l-godda kellhom japplikaw ghall-haddiema tal-PBS li jibqghu impjegati maghha wara li jsir il-process ta' ristrutturar, il-pretensjoni ta' Mangion tirrizulta nfondata. Id-data tal-1 ta' April 2004 kellha tapplika ghal dawk il-haddiema li jidhlu fl-istruttura tal-PBS wara li jsirilhom *interview* u assessment kif spjega Michael Debono. Dan ma jirrizultax li sar fil-kaz ta' Mangion u ghalhekk ir-revizjoni tas-salarji stabbilita fil-Ftehim Kollettiv il-gdid b'effett mill-1 ta' April 2005 m'hijiex applikabbli fil-konfronti tieghu. Ma tressqux provi dwar kazijiet ohra ta' impjegati li baqghu fi hdan is-socjeta' intimata fl-istruttura l-gdida li ghandhom karigi jew nomenklaturi li m'humiex imsemmija fil-Ftehim Kollettiv il-gdid. Huwa evidenti li bil-process ta' *interviews* u *assessments* individwali u bil-hluq ta' struttura gdida din il-problema mhux suppost tinqala' ghal haddeima li ddahhlu fl-istruttura l-gdida tas-socjeta' intimata.

## Decizjoni

Ghar-ragunijiet premessi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi bil-mod segwenti:-

Billi jichad it-talbiet tal-General Workers Union hekk kif kontenuti fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha.

Billi jiddikjara li l-Ftehim il-Kollettiv il-gdid iffirmat bejn il-partjiet fit-tilwima odjerna japplika biss ghall-haddiema li baqghu fl-istruttura tas-socjeta' intimata wara li sar il-process ta' ristrutturar u mhux ghal dawk il-haddiema kollha li kienu fuq il-kotba tas-socjeta' intimata meta gie iffirmat dan il-Ftehim izda ma baqghux hekk impjegati wara li sar il-process ta' ristrutturar.

Billi jiddikjara li d-data tal-1 ta' April 2004 indikata bhal id-data effettiva li fiha ghandhom isiru applikabbli l-iskala ta' salarji godda skond il-Ftehim Kollettiv il-gdid tapplika biss ghal dawk il-haddiema li dahlu fl-istruttura l-gdida tas-socjeta' intimata wara li sar ir-ristrutturar.

**Av. Audrey Demicoli**
**Chairperson**

**Mr. Anthony Degiovanni**
**Membru**

**Mr. James Pearsall**
**Membru**